MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 1655/2000/1

**Consiglio Livori**

**vs**

**Jacksons Company Limited**

**Il-Qorti,**

B'digriet tat-3 ta' Frar 2006 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat ruhha fuq il-kwestjoni incidentali insorta, riferibilment ghall-hlas tad-drittijiet tal-perit tekniku, bil-mod segwenti:-

"Billi l-istess Artikolu 671 tal-Kap 12 jipprovdi ghall-hlas lill-Perit ta' xi sehem li tkun diga` thallas u billi f' din il-kawza l-Qorti diga` provdiet man-nomina li d-dritt kollu ghandu jkun a karigu ta' l-attur li qed jagixxi bil-beneficcju tal-ghajnuna legali u billi ghalhekk il-parti l-ohra ma hallas xejn mid-dritt tal-Perit u lanqas ma hu tenut illi jaghmel tali hlas u billi anke l-istess Artikolu 671 tal-Kap 12

jipprospetta hlas provizorju tad-dritt tal-Perit anke mill-Gvern, tichad it-talba u tordna lir-Registratur jghaddi ghal hlas provizorju tad-dritt lill-perit;"

Ottenuta l-awtorizzazzjoni b' digriet tat-8 ta' Marzu 2006 (ara Verbal a fol. 129), ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali Civili introduca l-appell li jsegwi mill-precitat digriet:-

"1. Illi permezz ta' rikors imressaq minn Consiglio Livori nhar id-29 ta' Marzu 2005 (Dok A) huwa stqarr illi din il-kawza kienet tinsab differita ghall-hlas tad-dritt tal-perit tekniku; kif ukoll li huwa kien gie ammess f' dil-kawza bil-beneficcju tal-ghajnuna legali u b' hekk ir-rapport tekniku kellu jithallas mir-Registratur minn fond appozitu u talab lil dik il-Qorti sabiex taghti dawk l-ordnijiet opportuni fic-cirkostanzi sabiex isir il-hlas tar-rapport.

2. Illi permezz ta' digriet ta' dik il-Qorti datat 6 t' April 2005 l-esponent gie ordnat sabiex jiehu konjizzjoni tal-kaz. (Dok B).

3. Illi l-esponenti permezz ta' nota datata 20 t' April 2005 (Dok C) informa lil dik il-Qorti, *inter alia,* illi (a) tali hlasijiet minn fondi pubblici jsiru lill-esperti f' kawzi kriminali biss u ma jezisti ebda fond appozitu f' kawzi civili u (b) u fejn l-attur ikun qed jibbenefika minn ghajnuna legali, l-espert tekniku ma jithallasx la mill-parti u l-anqas rnill-amministrazzjoni tal-Qorti, kif ukoll li tali espert jircievi hlas fl-ahhar tal-kaz dejjem jekk l-ispejjez ikunu inflitti fuq il-parti li tkun tista' thallas.

4. Illi permezz ta' rikors datat 19 t' April 2005 il-Perit Valerio Schembri talab lil dik il-Qorti sabiex l-attur jaghmel depozitu adegwat li jkopri d-dritt tieghu (Dok D) u sussegwentement ipprezenta risposta datata 2 ta' Mejju 2005 (Dok E);

5. Illi permezz ta' digriet datat 13 ta' Mejju 2005 (Dok F) dik il-Qorti, wara li kkunsidrat ukoll risposta tal-Perit tekniku datata 2 ta' Mejju 2005 ordnat lil Perit tekniku

sabiex jghaddi immedjatament ghar-relazzjoni tieghu u li d-dritt tieghu debitament intaxxat jithallas mir-Registratur tal-Qorti fi zmien hmistax-il jum minn meta jircievi l-kont;

6. Illi permezz ta' rikors datat 3 ta' Gunju 2005 (Dok G) l-esponent talab, in bazi ghall-fatti gia esposti minnu, li d-digriet ta' dik il-Qorti datat 13 ta' Mejju 2005 jigi revokat *contrario imperio*;

7. Illi permezz ta' digriet ta' dik il-Qorti datat 2 ta' Dicembru 2005 (Dok H), dik il-Qorti cahdet it-talba ta' l-esponenti u ordnatlu sabiex jiehu hsieb li jhallas lil Perit tekniku id-dritt li ghandu jigi ntaxxat lilu;

8. Illi permezz ta' rikors ulterjuri datat 12 ta' Jannar 2006 (Dok I), l-esponenti irrileva lil dik il-Qorti illi skond l-artikolu 671 (1) tal-Kap 12 fil-kawzi li fihom wahda mill-partijiet tkun giet moghtija li tharrek jew tiddefendi ruhha bil-beneficcju ta' ghajnuna legali l-perit ghandu jedd ghall-dak is-sehem li jigi mhallas mill-parti li tkun fil-kawza minghajr dak il-beneficcju, izda l-perit ghandu jedd jiehu s-sehem l-iehor tad-dritt tieghu jekk il-parti li ma tkunx b' dak il-beneficcju tibqa' telliefa bl-ispejjez u konsegwentement talab lil dik il-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru 2005;

9. Illi permezz ta' digriet datat 3 ta' Frar 2006 (Dok J) dik il-Qorti rrilevat li kienet diga provdiet li d-dritt kollu kellu jkun a kariku ta' l-attur li qed jagixxi bil-beneficcju tal-ghajnuna legali u billi ghalhekk il-parti l-ohra ma hallas xejn mid-dritt tal-perit u l-anqas tenut illi jaghmel tali hlas, u billi anke l-istess artikolu 671 tal-Kap. 12 jipprospetta hlas provvizorju tad-dritt tal-perit anke mill-Gvern, cahdet it-talba u ordnat lill-esponent jghaddi ghall-hlas provvizorju tad-dritt tal-perit;

10. Illi permezz ta' rikors datat 17 ta' Frar 2006 (Dok K) l-esponent talab li jappella mid-digriet ta' dik il-Qorti datat 3 ta' Frar 2006 qabel ma tinghata s-sentenza definittiva;

11. Illi permezz ta’ digriet datat 8 ta’ Marzu 2006 (Dok L) dik il-Qorti awtorizzat lill-esponenti sabiex jappella mid-digriet taghha tat-3 ta’ Frar 2006;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

a. Illi skond l-artikoiu 671 (1) tal-Kap 12 fil-kawzi li fihom wahda mill-partijiet tkun giet moghtija li tharrek jew tiddefendi ruhha bil-beneficcju ta’ ghajnuna legali l-perit ghandu jedd ghal dak is-sehem li jigi mhallas mill-parti li tkun fil-kawza minghajr dak il-beneficcju, izda l-perit ghandu jedd jiehu s-sehem l-iehor tad-dritt tieghu jekk il-parti li ma tkunx b’ dak il-beneficcju tibqa’ telliefa fl-ispejjez. Illi f’ dal-kaz l-unika parti li hija bil-beneficcju tal-ghajnuna legali huwa l-attur, u ghalhekk dan l-artikolu japplika ghall-kaz in disamina.

b. Illi dan l-istess artiklu ma jipprovdix ghal hlas ta’ dritt provvizorju lil periti mill-Gvern kif imsemmi minn dik l-Onorabbli Qorti

c. Illi fi kwalunkwe kaz ma jezisti ebda fond sabiex minnu jithallsu drittijiet tal-periti teknici f’ kawzi ta’ natura civili.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmel riferenza ghall-atti kollha ta’ din il-kawza u umilment jirrizerva li jaghmel sottomissjonijiet u riferenzi kollha li jidhirlu xierqa, u li jgib il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha thassar id-digriet taghha tat-3 ta’ Frar 2006 hawn fuq imsemmi u konsegwentement, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u ghal dawk li ser jissemmew waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-appell tehles lill-esponenti milli jhallas lill-perit tekniku id-dritt tieghu.”

Bi twegiba ghal dan l-aggravju, l-perit tekniku AIC Valerio Schembri ssolleva l-irritwalita` u n-nullita ta’ l-appell in bazi ghal dak dispost fl-inciz (k) ta’ l-Artikolu 229 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12);

Pregudizzjali bhal din tinnecessita` li tigi minn din il-Qorti investita qabel kull stharrig ta’ l-aggravju fil-mertu. Dan hu bil-wisq logiku in kwantu, jekk akkolta, tipparalizza l-*iter* ta’ l-investigazzjoni u l-appell ikollu jitqies inammissibbli;

Hu provvdut b’ mod generali fl-Artikolu 229 (1) tal-Kapitolu 12 illi “appell minn dawn id-digrieti li gejjin jista’ jsir biss wara l-ghoti tas-sentenza definittiva flimkien ma’ appell minn dik is-sentenza u dawn id-digrieti ma jistghux jigu kontestati qabel ma tinghata s-sentenza definittiva”. Hu b’ mod partikulari ulterjorment precizat illi fost dawn id-digrieti hemm dawk “dwar jekk tintlaqax jew le talba ghar-revoka jew emenda ta’ digriet bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu” (inciz “k”);

Premessi dawn il-provvedimenti tal-ligi, gie ritenut b’ interpretazzjoni illi “ezami akkurat ta’ l-Artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b’ din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazzjonalizza meta u kif seta’ jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta’ kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva. Id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-disposizzjoni pero` taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta’ l-istess artikolu u ghal kull appell “minn kull digriet interlokutorju iehor li ma huwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta’ dan l-artikolu” - “**Paul Tanti *proprio et nomine* -vs- Sammy Mifsud *et proprio et nomine***”, Appell, 19 ta’ Novembru 2001;

Fuq din l-interpretazzjoni ssokta jigi deciz illi lanqas ma huwa kkonsentit lil Qorti li taghti permess lil parti li tappella mid-digriet taghha. Ara “**Avv. Irene Bonello -vs- Onor. Prim Ministru *et***”, Appell, 28 ta’ Frar 1997 u, b’ mod specifiku in kwantu jikkoncerna s-subinciz (k), is-sentenza

fl-ismijiet “**Alfred Debono -vs- Josephine Debono**”, Appell, 19 ta’ Novembru 2001;

Affermat dan in linea ta’ principju generali, il-precitat Artikolu 229 (1) tal-ligi jippresupponi illi, fil-kaz ta’ digrieti dwar xi wahda mill-materji fih kalendati, appell minnhom isir mill-parti flimkien ma’ appell mis-sentenza definittiva. Fil-kaz taht konsiderazzjoni l-appellanti ma huwiex parti litigandi fil-proceduri imma biss terz incidentali kolpit bid-digriet moghti. Tinsorgi hawnhekk id-domanda jekk l-appellant odjern, li ma huwiex parti, ghandux hu wkoll jintlaqat avversament mid-dettami ta’ l-Artikolu 229 (1). Kif taraha din il-Qorti, huwa car illi ghall-appellanti d-digriet moghti “*vim habet definitivam*” in kwantu ghalih jirrisolvi definittivament il-punt bl-istess digriet deciz u, allura, fuq l-insenjament tal-**Mattirolo** (“**Diritto Giudiziario**”, Vol. IV n. 28 pagna 23 - 24), ghall-appellanti “*terminat negotium de quo agitur*” fuq il-mertu tal-punt incidentali sollevat. Din il-konsiderazzjoni hi avvalorata mill-fatt illi lill-appellanti prezenti l-mertu *ut sic* tal-kawza lilu ma tikkoncernahx. Tikkoncernah invece il-kundanna imposta fuqu mill-ewwel Qorti li qed tordnalu jhallas, *qua* terza persuna, drittijiet tal-perit tekniku ghall-perizja tieghu. Incidentalment, f’ dan il-kuntest il-Qorti trid tirrimarka illi perizja teknika, bhala kontraddistinta minn perizja legali (Ara **Kollez. Vol. XLVIII P I p 603**), tikkostitwixxi prova ghal min talabha u f’ dan il-kaz certament dik ir-rikjesta ma saretx mill-appellanti li fil-kawza ma ghandu ebda interess, la wiehed guridiku u lanqas xort’ ohra. Ghandu, invece, interess li jimpunja d-digriet moghti bl-appell minnu introdott u allura, taht dan il-profil, il-pregudizzjali sollevata ma tistax tkun ta’ ostakolu ghalih. L-appell huwa dikjaratament ammissibbli;

Biex wiehed jiddelibera fuq il-korrettezza o meno tal-pronunzjament profess mill-ewwel Qorti fid-digriet impunjat, wiehed ghandu b’ necessita` guridika jitlaq mir-regola dettata fl-Artikolu 668 tal-Kodici ta' Procedura:-

(1) “Id-digriet li jordna l-perizja ghandu jsemmi minn min fost il-partijiet ghandu, provvizorjament, jigi mhallas jew iddepozitat id-dritt tal-perit”;

(2) “Meta l-hatra tal-perit tkun mitluba mill-attur sabiex jipprova fatt li fuqu jkun irid jibbaza l-azzjoni tieghu, id-dritt tal-perit ghandu jigi, provvizorjament, imhallas jew iddepozitat mill-attur stess”;

(3) “Fil-kazijiet l-ohra kollha, hu mholli fid-diskrezzjoni tal-qorti li tiddeciedi, wara li tiehu qies ta’ l-interess ta’ kull wahda mill-partijiet fil-kawza jekk, u fil-kaz, f’ liema proporzjoni, kull wahda mill-partijiet ghandha tikkontribwixxi ghall-hlas tad-dritt tal-periti”;

Konsiderat fl-assjem tieghu, dan il-provvediment tal-ligi ghandu jfisser illi l-likwidazzjoni ta’ l-ispiza tal-konsulenza teknika *d’ ufficio* ma ghandhiex strettament il-kontenut u l-valur ta’ kundanna ghall-hlas imma dik ta’ ordni ta’ anticipazzjoni provvizorja minn min, skond l-interess personali, talab in-nomina ta’ l-espert. Hi biss is-sentenza definittiva li, imbaghad, issawwar dik l-ordni f’ kundanna in bazi ghall-principju tas-sokkombenza [Artikolu 223 (1) tal-Kapitolu 12];

B’ mod specifiku l-aspetti saljenti involuti fid-diversi subincizi ta’ l-istess provvediment jistghu, forsi, jigu ahjar illustrati b’ referenza ghal xi decizjonijiet in materja:-

(1) “*La disposizione di quell’ articolo è l’ applicazione del principio che, essendo la perizia un mezzo di prova, la relativa spesa deve essere provvisoriamente a carico di chi ha l’ obbligo di provare il fatto da lui allegato. Pertanto in tesi generale quando il diritto del perito è dalla Corte provvisoriamente messo a carico di uno dei contendenti, nasce la presunzione che l’ incarico abbia per oggetto una prova richiesta nell’ interesse di tale contendente, per la constatazione di un fatto che a tale contendente incombe di stabilire*.” - “**P. A.**

**Giovanni Camilleri -vs- Giuseppe Lia**”, Appell Civili, 19 ta’ Gunju 1918 riportata a **Vol. XXIII P I p 594**;

(2) “*I contendenti sono tenuti solidalmente pel pagamento dei diritti dovuti ai periti giudiziali quando tutti avessero preso parte alla loro nomina*” - “**Negte. Gaetano Milleri -vs- Negte. Giovanni Semini *nomine et***”, Appell Kummercjali, 9 ta’ Dicembru 1874, a **Vol. VII pagna 261**;

Issa mill-atti tal-kawza jidher li n-nomina tal-konsulent tekniku saret a rikjesta ta’ l-attur. Dan hu hekk indott mid-digriet ta’ l-ewwel Qorti ta’ l-14 ta’ Frar 2002 (ara verbal a fol. 25) li bih dik il-Qorti nnominat lill-Arkitett Valerio Schembri a spejjez provvizorjament ta’ l-attur. Aktar ‘il quddiem, pero`, meta l-imsemmi perit tekniku kien in procint li jithallas tar-rapport minnu pprezentat, l-attur ippretenda permezz ta’ rikors a fol. 98 tal-process li dak il-hlas kellu jsir mir-Registratur tal-Qorti ghax hu kien gie ammess ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali. Jirrizulta wkoll mill-atti illi l-perit tekniku assocja ruhu ma’ l-attur f’ din il-pretiza tieghu u fit-twegiba tieghu ghan-Nota ta’ l-appellant odjern tal-20 ta’ April 2005 (fol. 100) ikkwalifika din l-insistenza tieghu ghall-hlas mir-Registratur bil-kliem “u dana bhal ma jigri mal-prezentata ta’ kull att li jifforma parti mill-kawza li jsir bla hlas minn dik il-parti li tkun qed tibbenefika minn l-ghajnuna legali a spejjez tar-Registratur” (fol. 110). Intant, la l-attur u lanqas il-perit tekniku ma indikaw ebda disposizzjoni tal-ligi jew xi regolament li jimpenja lir-Registratur ghall-hlas bhal dan. Gie, invece, invokat mir-Registratur appellanti l-provvediment ta’ l-Artikolu 671 tal-Kapitolu 12;

Dan l-ahhar imsemmi artikolu jipprovdi testwalment fl-ewwel subinciz tieghu s-segwenti:

“Fil-kawzi li fihom wahda mill-partijiet tkun giet moghtija li tharrek jew li tiddefendi ruhha bil-beneficcju ta’ ghajnuna legali, il-perit ghandu jedd ghal dak is-sehem li jigi mhallas mill-parti li tkun fil-kawza minghajr dak il-beneficcju;

Izda l-perit ghandu jedd jiehu s-sehem l-iehor tad-dritt taghhom jekk il-parti li ma tkunx fil-kawza bil-beneficcju tal-ghajnuna legali tibqa' telliefa fl-ispejjez."

Inghad aktar 'il fuq, b' riflessjoni tar-regola stabbilita fis-subinciz (1) ta' l-Artikolu 668 u ta' l-enuncjazzjoni fis-sentenza a **Vol. XXIII P I p 594**, illi l-obbligu tal-versament tal-hlas tal-perizja hu dipendenti fuq il-kontenut tan-nomina mill-Qorti. Minn dan jikkonsegwi illi "*nelle cause in cui una delle parti fosse ammessa al beneficio d' agire come povera, il convenuto che litigasse senza un tal beneficio, non sarebbe tenuto a pagare alcun diritto al perito nominato, quando tale obbligo non gli fosse stato imposto nel decreto di nomina*." ("**Paola Galea *et* -vs- Pasquale Ellul**", Qorti Civili, Prim' Awla, 2 ta' Frar 1866 a **Vol. III pagna 522**). Dan ghaliex, kif kompliet tosserva din is-sentenza, ghall-konvenut "*non corre alcun obbligo di contribuire dal proprio alla spesa necessaria per appoggiare la domanda contro di lui proposta*";

Huwa desumibbli minn dan l-insenjament illi l-Artikolu 671 (1) predett mhux applikabbli fir-rapporti interni bejn il-partijiet, lanqas fejn wiehed minnhom ikun ipprevalixxa ruhu mill-patrocinju gratuwitu in forza tal-beneficcju ta' ghajnuna legali. Invece, hu hekk applikabbli fir-relazzjoni ta' dawn mal-perit nominat mill-Qorti u s' issa, almenu mill-atteggjament assunt minn dan fl-iskritturi tieghu quddiem l-ewwel Qorti ma jidherx li dan irid jipprevalixxi ruhu minn dak dispost fl-artikolu precitat. Ara f' sens konsimili s-sentenza fl-ismijiet "**Mariano Sare` -vs- Antonio Ellul *et***", Qorti Civili, Prim' Awla, 6 ta' Frar 1958 (**Kollez. Vol. XLII P II p 909**);

Hu zgur, pero`, li, fil-fattezzi tal-kaz prezenti, la l-attur u lanqas il-perit tekniku ma jistghu jippretendu u jesigu li l-hlas tal-perizja ssir mir-Registratur u allura ma jidherx li kien guridikament korrett illi l-Qorti tikkostringi lil dan jeffettwa dan il-has. Ma jaghmelx sens li jigi injorat id-dispost ta' l-Artikolu 671 (1) jew li wiehed jigbed inferenzi, li fil-kaz in ispecje ma jokkorrux, mill-fatt li s-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jipprovdi ghall hlas mill-Gvern ta' certi

perizji fejn iz-zewg partijiet ikunu nghataw il-beneficcju ta' l-ghajnuna legali.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet superjorment maghmula din il-Qorti qed tilqa' l-appell sottomess lilha mir-Registratur u b' hekk thassar u tirrevoka d-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-3 ta' Frar 2006, spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------